



TESTI ADOTTATI

P8_TA(2018)0282

Riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea ***

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-4 ta' Lulju 2018 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill li temenda l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (09425/2018 - C8-0276/2018 - 2015/0907(APP))

(Proċedura leġislattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (09425/2018),
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 223(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C8-0276/2018),
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2015 dwar ir-riforma tal-liġi elettorali tal-Unjoni Ewropea, u l-proposta annessa magħha għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tadotta d-dispożizzjonijiet li jemendaw l-Att dwar l-elezzjoni tal-membri tal-Parlament Ewropew b'suffraġju universali dirett¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati ppreżentati mis-Senat Franċiż, mill-Kamra tad-Deputati Lussemburgiża, mis-Senat Netherlandiż, mill-Kamra tad-Deputati tan-Netherlands, mill-Parlament Żvediż, mill-House of Commons tar-Renju Unit u mill-House of Lords tar-Renju Unit, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju ta' sussidjarjetà,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 99(1) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A8-0248/2018),
1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-

¹ ĠU C 366, 27.10.2017, p. 7.

Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.